PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

9.3.2015 0008/2015

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-għoti ta' sostenn kostanti min-naħa tal-Unjoni Ewropea għall-qerda tal-poljo

**Linda McAvan (S&D), Elmar Brok (PPE), Davor Ivo Stier (PPE), Enrique Guerrero Salom (S&D), Mairead McGuinness (PPE), Michael Gahler (PPE), Maria Heubuch (Verts&/ALE), Louis Michel (ALDE), Nirj Deva (ECR), Charles Goerens (ALDE)**

Data ta' skadenza: 9.6.2015

**0008/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar l-għoti ta' sostenn kostanti min-naħa tal-Unjoni Ewropea għall-qerda tal-poljo**[1]

1. Id-dinja waslet biex tilħaq waħda mill-akbar kisbiet tagħha fil-qasam tas-saħħa pubblika – il-qerda tal-poljo.

2. L-immunizzazzjoni fit-tfulija hija waħda mill-aktar interventi kosteffikaċi disponibbli fil-qasam tas-saħħa pubblika. Sforzi globali għall-qerda tal-poljo diġà ġġeneraw benefiċċji netti ta' USD 27 biljun u jistgħu jiffrankaw sa USD 50 biljun f'kosti diretti u indiretti għall-kura tas-saħħa sal-2035, biex ma nsemmux it-tnaqqis bla qies tat-tbatija tal-bniedem. L-assi u l-infrastrutturi li nbnew bħala appoġġ għall-isforzi għall-qerda tal-poljo attwalment qed jintużaw ukoll fir-rispons għall-kriżi tal-Ebola.

3. Il-qerda tal-aħħar 1 % ta' każijiet ta' poljo hija diffiċli u għalja, iżda tista' tinkiseb sal-2018 bis-saħħa ta' sforzi globali. Bħalma wera t-tfaqqigħ reċenti, l-ebda pajjiż – inklużi l-Istati Membri tal-UE – ma huwa se jkun ħieles mir-riskju sakemm jinħelsu l-pajjiżi kollha mill-poljo.

4. Il-Kummissjoni, għaldaqstant, hija mitluba timpenja ruħha b'mod kostanti fl-għoti ta' sostenn għall-qerda tal-poljo bħala prijorità fl-azzjonijiet futuri fil-qasam tal-iżvilupp, u talloka livelli adegwati ta' finanzjament għal kampanji favur it-tilqim kontra l-poljo u sorveljanza tul l-erba' snin li ġejjin.

5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.